



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 66/17**  
Il-Lussemburgo, 21 ta' Ġunju 2017

Sentenza fil-Kawża C-621/15  
N. W et vs Sanofi Pasteur MSD et

**Fl-assenza ta' kunsens xjentifiku, il-prova ta' difett tal-vaċċin u r-rabta kawżali bejn dan il-vaċċin u marda tista' tingħata permezz ta' sensiela ta' provi gravi, preċiżi u konkordanti**

*Il-proximità temporali bejn it-tilqim u l-okkorrenza ta' marda, l-assenza ta' anteċedenti mediċi, personali u familjari tal-persuna mlaqqma kif ukoll l-eżistenza ta' numru sinjifikattiv ta' każijiet irrapportati ta' okkorrenza ta' din il-marda insegwitu ta' tali tilqim jistgħu, skont il-każ, jikkostitwixxu indiġi suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita tali prova*

Bejn tmiem is-sena 1998 u nofs is-sena 1999, J. W tlaqqam kontra l-epatite B permezz ta' vaċċin prodott minn Sanofi Pasteur. F'Awwissu 1999, J. W beda jbatisse minn diversi kumplikazzjonijiet li wasslu sabiex, f'Novembru 2000, saret dijanjosi ta' sklerożi multipla. J. W miet fl-2011. Fl-2006, huwa u l-familja tiegħi kienu ressqa kawża kontra Sanofi Pasteur sabiex jiksbu kumpens għad-dannu li J. W allegatament ġarrab minħabba t-tilqim.

Il-Cour d'appel de Paris (qorti tal-appell ta' Pariġi, Franza), li quddiemha tressqet il-kawża, qieset b'mod partikolari li ma kienx hemm kunsens xjentifiku favur l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn it-tilqim kontra l-epatite B u l-okkorrenza tal-isklerożi multipla. Peress li qieset li tali rabta kawżali ma kinitx ġiet stabbilita, hija ċaħdet ir-rikors.

Il-Cour de cassation (qorti ta' kassazzjoni Franciċa), li quddiemha ġie ppreżentat appell mis-sentenza tal-Cour d'appel de Paris, tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, minkejja l-assenza ta' kunsens xjentifiku u fid-dawl tal-fatt li, skont id-direttiva tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi<sup>1</sup>, il-vittma għandha tagħti prova tad-dannu, tad-difett u tar-rabta kawżali, il-qorti tistax tibbażza ruħha fuq provi gravi, preċiżi u konkordanti sabiex tistabbilixxi d-difett tal-vaċċin u r-rabta kawżali bejn il-vaċċin u l-marda. Fil-każ inkwistjoni, sar riferiment għall-istat ta' saħħa eċċelletti preċedenti ta' J. W, għall-assenza ta' anteċedenti familjari u għar-rabta temporali bejn il-vaċċin u l-okkorrenza tal-marda.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija kompatibbli mad-direttiva sistema probatorja li tawtorizza lil qorti, fl-assenza ta' provi ġerti u inkonfuttabbli, tikkonstata difett fil-vaċċin u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn dan id-difett u l-marda abbażi ta' sensiela ta' provi gravi, preċiżi u konkordanti, peress li din is-sensiela ta' provi tippermettiha tqis, bi grad għoli ta' probabbiltà, li tali konklużjoni tikkorrispondi mar-realtà. Fil-fatt, tali sistema probatorja ma tistax timplika inverżjoni tal-oneru tal-prova li għandha l-vittma, peress li din is-sistema tqiegħed l-oneru ta' prova fuq il-vittma sabiex tistabbilixxi l-provi varji li, meħuda flimkien, jagħtu lill-qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża bażi għall-konstatazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' difett fil-vaċċin u ta' rabta kawżali bejn dan id-difett u d-dannu mgħarrab.

Barra minn hekk, li jiġi eskuż kull metodu ta' prova għajnej il-prova ġerta li tirriżulta mir-riċerka medika, ikollu bħala effett li jirrendi eċċessivament diffiċċi jew, meta r-riċerka medika la tistabbilixxi u lanqas tinvalida l-eżistenza ta' tali rabta kawżali, impossibbli li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-manifattur, u dan jikkomprometti l-effett utli tad-direttiva kif ukoll l-għanijiet tagħha (jiġifieri li jiġu

<sup>1</sup> Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE , tal-25 ta' Lulju 1985, dwar l-approssimazzjoni tal-ligżejjiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 257

protetti s-sigurtà u s-saħħha tal-konsumaturi u li jiġi żgurat tqassim tar-riskji inerenti fil-produzzjoni teknika moderna bejn il-vittma u l-manifattur).

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li l-qrati nazzjonali għandhom jiżguraw li l-provi ppreżentati jkunu fil-fatt suffiċientement gravi, preċiżi u konkordanti sabiex tiġi ammessa l-konklużjoni li, fid-dawl tal-provi u tal-argumenti ppreżentati mill-manifattur, l-eżistenza ta' difett fil-prodott tidher li hija l-iktar spjegazzjoni plawżibbli għall-okkorrenza tad-dannu. Barra minn hekk, il-qorti nazzjonali għandha tissalvagħwarda s-setgħha diskrezzjonal tagħha stess fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk tali prova tkunx ġiet ippreżentata suffiċientement ex lege, sakemm tqis li tkun f'pożizzjoni li tagħmel konklużjoni definitiva f'dan ir-rigward.

Fil-każ inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-prossimità temporali bejn it-tilqim u l-okkorrenza ta' marda, l-assenza ta' anteċedenti mediċi, personali u familjari marbuta ma' din il-marda kif ukoll l-eżistenza ta' numru sinjifikattiv ta' każijiet irrapportati tal-okkorrenza ta' din il-marda insegwitu ta' tali tilqim, jidhru *a priori* li jikkostitwixxu provi li, meħuda flimkien, jistgħu jwasslu lill-qorti nazzjonali tqis li l-vittma tkun issodisfat l-oneru ta' prova tagħha. Dan jista' b'mod partikolari jkun il-każ jekk dawn il-provi jwasslu lill-qorti tqis, minn naħħa, li t-tilqim jikkostitwixxi l-ispjegazzjoni l-iktar plawżibbli għall-okkorrenza tal-marda u, min-naħħa l-oħra, li l-imsemmi tilqim għalhekk ma joffrix is-sigurtà li persuna tista' leġġitdamment tistenna.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li la l-leġiżlatur nazzjonali u lanqas il-qrati nazzjonali ma jistgħu jistabbilixxu metodu ta' prova abbażi ta' preżunzjonijiet li jippermetti li tiġi awtomatikament stabilita l-eżistenza ta' rabta kawżali meta jkunu ġew ippreżentati ċerti provi fattwali predeterminati: fil-fatt, tali metodu ta' prova jimplika ksur tar-regola dwar l-oneru tal-prova prevista fid-Direttiva.

---

**RAPPEL:** Ir-rinvju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, jitkolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża konformément mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċċiali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*